MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-5 ta' Settembru, 2012

Numru. 417/2008

**PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN J. FARRUGIA**

**VS**

**RAYMOND FARRUGIA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Raymond Farrugia detentur tal-Karta tal-Identita` numru 538165 (M).

**Akkuzat talli:**

Fil-lejl ta` bejn is-6 ta` Mejju, 2008, u is-7 ta` Mejju, 2008, gewwa Pjazza Bertu Fenech, Hal Balzan, u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Dolozament bil-hsieb li joqtol lil Kolya Bugeja (ID 527887 (M)), lil Etienne Bartolo (ID 350780 (M)) u terzi persuni ohra, jew li jqieghed il-hajja taghhom f'periklu car, ta bidu ghall-esekuzzjoni ta` delitt ta` omicidju liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tal-imputat;

2. Ikkaguna offiza ta` natura hafifa fuq il-persuni ta` Kolya Bugeja li ghandu numru tal-Karta tal-Identita` numru 527887(M) u Etienne Bartolo li ghandu n-numru tal-karta tal-Identita` numru 350780 (M);

3. Permezz ta` xi arma, strument jew ghodda ohra, regolari jew irregolari, inkella bi strument li jaqta` jew iniggez ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe` offiza ta` natura hafifa fuq Kolya Bugeja (ID 527887 (M)) u Etienne Bartolo (ID 350780 (M)) u dan bi ksur tal-Artikolu 64 u 221 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

4. Bil-lejl, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes jew ghajjat, jew b'mod iehor;

5. Volontarjament kiser l-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u dan ai terminu tal-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

6. Qal kliem oxxen u espressjonijiet ta` dagha u dan ai terminu tal-Artikoli 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

7. Volontarjament kiser l-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat;

8. Talli kellu strument li jaqta` u bil-ponta minghajr permess tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Il-Qorti giet mitluba biex titratta mal-imputat Raymond Farrugia talli sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati

ta` Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jinbidlu.

Il-Qorti giet mitluba ukoll illi f'kaz ta` htija minbarra u/jew flimkien mal-piena applikabbli, tapplika fil-konfront tal-hati l-ordni ta` protezzjoni ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta` Protezzjoni taht dawk il-kawtieli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Semghet ix-xhieda mressqa;

Rat l-Artikoli indikati u cioe` l-Artikoli 64, 221 (2), 338 (dd), 338 (bb) u 342 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Il-Qorti tiddeciedi billi ma hemm assolutament xejn li jorbot lill-imputat odjern, hlief ghal dik kontrovenzjonali taht l-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta. Ghalhekk tiddeciedi billi tillibera lill-akkuzat mill-akkuzi kollha hlief ghal dik citata taht l-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta u tikkundannah ghal hlas emmenda ta` hamsin ewro (€50).

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------